DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 192123** **06.10.2019**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati jiltaqa' mal-pubbliku waqt l-attività tan-Notte Bianca***

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia ltaqa' mal-pubbliku hekk kif għal sena oħra l-Parlament reġa' fetaħ il-bibien tiegħu waqt l-attività tan-*Notte Bianca*.

Bħalma ġara fis-snin ta' qabel il-pubbliku kkonkorra bi ħġaru u ħa l-opportunità biex filwaqt li jdur il-binja u japprezza x-xogħol u d-disinn tal-perit rinomat Renzo Piano, isir aktar konxju tal-ħidma li ssir mid-deputati li jirrappreżentawh f'din l-istituzzjoni leġiżlattiva.

Kull min żar il-parlament seta' jara wkoll wirja ta' proġetti ta' riċerka li qed issir minn studenti universitarji li tittella' ta' kull sena f'din il-binja bħala parti mill-attivitajiet ta' *Science in the City*. Il-pubbliku seta' jiltaqa' wkoll mal-għalliema tal-Iskola Giovanni Curmi tan-Naxxar li pprovdew informazzjoni dwar il-korsijiet li toffri din l-iskola.

Il-pubbliku ngħata wkoll tagħrif dwar il-bidu tad-demokrazija parlamentari f'Malta fl-1921 bis-saħħa tal-Kostituzzjoni Amery Milner b'konsegwenza tal-avvenimenti li seħħew fis-Sette Giugno tal-1919, li l-Parlament Malti għadu kif fakkar il-mitt sena tagħhom.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700
**press.releases@gov.mt** **www.doi.gov.mt**